IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 34-2017(19_07_17)**

**19 ta' Lulju 2017**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku wasal fil-laqgħa fil-5.09 ta' filgħaxija
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier wasal fil-laqgħa fis-6.05 ta' filgħaxija
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sinjura Carmen Said ippresjediet il-laqgħa.

**34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

34.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara *e-mail* li rċieva mingħand is-Sur Damien Spiteri fejn informa lill-Kunsill li ser jittardja u talab ukoll emenda fil-Minuti.

**34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

34.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħa preċidenti numru 33-2017(28_06_17) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew emendati u approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

---

**34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

34.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-kuntrattur irranġa xi ħsarat fil-pavimentar tal-Pjazza tal-Knisja. Aktar tiswija ser issir 'il quddiem meta tkun tista' tingħalaq Triq San Pawl. Tnaddaf Sqaq l-Isdieri iżda rridu nitkellmu mad-Direttur Mark Formosa peress li l-Kunsill qed jirċievi diversi lmenti dwar il-knis fil-Munxar.

Il-ħin kien il-5.09 ta' filgħaxija u s-Sur Paul Curmi wasal fil-laqgħa.

Fix-Xlendi twaħħlet tabella fi Triq iż-Żirżieb minħabba li qed jintefa' ħafna skart u saru wkoll *double yellow lines* fil-kantuniera. Ħaddiema tad-Dipartiment tal-Agrikoltura żabru r-radikal tas-siġar tal-Bruk li hemm fil-passaġġ ta' taħt Triq San Xmun. Żdied *bin-on-wheels* fil-*bring-in-site* tax-Xlendi sabiex jintefa' l-ħġieġ ġo fih. Ġie ordnat *railing* tat-taraġ li sar mal-passaġġ tax-xtajta.

Is-Sindku hija infurmata li l-Malta Tourism Authority bagħtet ittri lill-istabbilimenti tal-ikel sabiex ikunu responsabbli u jobdu r-regolamenti f'dak li jirrigwardja rimi ta' swill.

Saret laqgħa maż-żewġ ħaddiema li jieħdu ħsieb l-indafa tal-latrina u Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina.

Fit-8 ta' Lulju 2017, il-Ministeru għal Għawdex għamlet *Media Event* sabiex jiġi llanċjat il-Kalendarju t'Attivitajiet għas-sajf 2017 fix-Xlendi.

**34.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

34.4.1 Is-Sinjorina Sonja Abela lmentat li fix-Xlendi qed jinħass in-nuqqas ta' pulizija minħabba li għal diversi ħinijiet ma huwiex ikun preżenti. Hija lmentat ukoll li fi Triq ir-Ranċiż hemm diversi *garages* li ma humiex jintużaw bħala *garages* u qed iwaħħlu *sticker* fuq barra sabiex ħadd ma jipparkja. Ġie deċiż li l-Kunsill ikellem lill-pulizija dwar dan.

34.4.2 Is-Sur Robert Mallia ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq it-Torri hemm parti minn bankina li hija perikoluża. Huwa ġie infurmat mis-Sindku li hemm problema mas-sid peress li ħaffer taħt it-triq u għadu ma tellax ċint minn ġewwa. Il-Kunsill ser jirreferi lill-pulizija.

Is-Sur Mallia semma wkoll dwar il-ħmieġ fil-Pjazzetta ta' tarf Triq San Pawl li tmiss ma' Triq Ras il-Bajjada. Il-Kunsill kien ser jibgħat il-ħaddiema tiegħu għada.

34.4.3 Is-Sur Paul Curmi rrefera għall-permess ta' żvilupp li qed jintalab lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex tinbena dar fi Triq il-Munxar. Huwa saħaq li jekk id-dar ser tinbena sa barra, din ser toħloq ostaklu għat-traffiku. Ġie deċiż li din hija kwistjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar.

**34.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

34.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wara li kien ikkonsulta mas-Sindku u ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ngħata permess sabiex Triq il-Puniċi fix-Xlendi tingħalaq għat-traffiku fl-20 ta' Lulju 2017 mis-7 ta' filgħodu sas-7 ta' filgħaxija. Ir-raġuni hija li l-kuntrattur ser jinstalla *fixed tower crane*. Ingħataw dawn il-kundizzjonijiet:

1. Għandu jitwaħħal avviż fil-bidu tat-triq,
2. Għandhom jitpoġġew *flyers* mal-karozzi minn qabel,
3. Għandhom jitpoġġew *flyers* mar-residenzi minn qabel,
4. Għandha tingħata għajnuna lill-kuntrattur li jiġbor l-iskart fl-*area* affettwata,
5. Għandha tinżamm karozza *stand-by* għal ċirkustanzi mhux mistennija,
6. Għandu jitħalla spazju biżżejjed għal vettura biex tgħaddi f'każ ta' emerġenza,
7. Għandu jitpoġġa *signage* addattat,
8. Jidħlu fis-seħħ ukoll il-kundizzjonijiet li s-soltu joħorġu kull darba li jingħata permess għad-depożitu jew użu ta' krejn jew makkinarju f'xi triq.

34.5.2 Għalkemm il-ġabra *extra* kuljum tal-borża s-sewda (skart imħallat) fix-Xlendi bdiet fit-8 ta' Lulju 2017, ir-residenti kienu għadhom ma humiex infurmati. Għaldaqstant, ġie ppreparat *flyer* li tqassam f'kull post fix-Xlendi.

34.5.3 Il-kuntrattur li jiġbor il-borża s-sewda kull nhar ta' Tnejn u Ħamis qed jitlob sabiex il-borża s-sewda tinġabar ukoll kull nhar ta' Sibt anke jekk ikun fix-xhur tas-sajf biss. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li ssir stima ta' kemm ser titla' l-ispiża għax varjazzjonijiet ma jistgħux jaqbżu l-20% tat-*tender* u diġà kien hemm varjazzjoni għal ġbir ta' skart fix-Xlendi.

34.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li persuna li għandha proprjetà tmiss ma' Triq il-Biżantini u Triq il-Qsajjem qed terġa' tilmenta li ż-żewġ bozoz qed joħolqu inkonvenjent. Għal dan l-ilment kien diġà mar jinvestiga l-inġinier u ma sab xejn ħażin. Ġie deċiż li l-Kunsill ma jibqax iressaq dan l-ilment fil-laqgħat.

34.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ġie kkuntatjat minn persuna residenti fi Triq il-Kavallieri. Hija qed tilmenta li faċċata tad-dar tagħha qed isir żvilupp u qed joħloq inkonvenjent peress li parti mit-triq ġiet iċċirkundata bil-*fencing* għaliex qed jinbena ħajt minn taħt it-triq. L-iżviluppatur ġie kkuntatjat u qal li kollox għandu skont il-permessi u ser iħaffef ix-xogħol sabiex ilesti qabel iż-żmien. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

34.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill il-kuntratt li ser jiġi ffirmat bejn il-Kunsill u s-Sur Rodrick Mario Grech, l-Uffiċjal Eżekuttiv il-ġdid. Huwa beda jaħdem mit-2 ta' Mejju 2017 u ser ikun *full-time* bil-paga ta' skala 13. Il-kuntratt ser ikun għal tliet snin u jkun jista' jiġġedded għal tliet snin oħra u jiġi tal-fiss wara erba' snin. Kien hemm qbil dwar dan.

34.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva *reminder* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jinħatar id-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Peress li l-ħatra li kienet saret għalaq it-terminu ta' żmien ta' 90 ġurnata, il-Kunsill qed ikun mitlub li jġedded il-ħatra tal-persuna nnominata bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv jew jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv qed jerġa' jinnomina lis-Sa Odette Camilleri. Kien hemm qbil dwar dan.

34.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabar stima sabiex issir kċina fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. L-istima ta' bank tal-kċina twil 1.58m bl-*appliances* iżda mingħajr *fridge* tammonta għal €1,858. Issa peress li l-Kunsill ma jistax jixtri direttament aktar minn €1,185 ġie deċiż li jinġabru xi stimi oħra.

**34.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

34.6.1 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex l-Iskeda tal-Ħlasijiet Numru 50, datata 3 ta' Lulju 2017 u approvati fis-Seduta Numru 66 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

34.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 41/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'Prijoritajiet fil-Qasam tal-Gvern Lokali għas-Sentejn li ġejjin'. Huwa elenka lista ta' materji urġenti li b'impenn sħiħ minn kulħadd trid tiġi indirizzata fis-sentejn li ġejjin.

34.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 42/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'Kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Kontra l-Vjolenza Domestika f'sensiela ta' attivitajiet'. Dawn l-attivitajiet ser isiru bejn l-24 ta' Novembru u l-10 ta' Diċembru 2017 u l-għan ewlieni ser ikun 'Raising Awareness about Domestic Violence and Gender-based Violence'. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex tagħti s-sehem tiegħu f'dawn is-16-il jum ta' attivitajiet.

34.6.4 Il-Kunsill ġabar *Press Release* Ref: PR171662 *issued* fl-10 ta' Lulju 2017 bit-tema 'Stqarrija mill-Ministeru għal Għawdex: Il-Ministru għal Għawdex tinawgura l-Festival - I Love Xlendi - u tħabbar programm estiż għall-indafa pubblika'. Fost diversi affarijiet li ssemmew, il-Ministru ħabbret li b'inizjattiva tal-Ministeru għal Għawdex ser isir ukoll ġbir ieħor ta' skart fil-borża s-sewda kuljum filgħaxija. Dan is-servizz ġdid beda fit-8 ta' Lulju 2017.

34.6.5 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 43/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'Jitħabbru l-attivitajiet tal-Ġimgħa Ewropea tal-Mobilità', bejn is-16 u t-22 ta' Settembru 2017. Il-Kunsill qed jiġi mħajjar sabiex japplika għas-sejħiet li qed isiru, fosthom il-*Car Free Day* kif ukoll inizjattivi oħra.

34.6.6 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Europe for Citizens Contact Point fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed iwassal *e-mail* mingħand il-Europe for Citizen Point Lithuania, Lithuanian Culture Institute rigward 'Partner Search for Town Twinning – Measure 2.1 Lithuania', fejn Vilnius City Hall qed ifixxu *partners* fit-*town twinning project*.

34.6.7 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Europe for Citizens Contact Point fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed iwassal korrispondenza mingħand il-European Regional Framework for Co-operation (ERFC) u l-Ministry for the Family, Children's Rights and Social Solidarity (MFCS) rigward 'ENI CBC Med - Mediterranean Sea Basin - 2014-2020 Programme proposal for Cooperation'.

34.6.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ġab stimi ta' diversi *litterbins* sabiex jitpoġġew fix-Xlendi. Ġie deċiż li jinxtraw tnejn 'Admiral 95 ltrs' li ser jiswew €329.22.

34.6.9 Il-Kunsill irċieva *e-mail* fejn residenta mix-Xlendi rrapportat li fi Pjazza l-Anfori b'inċident tabella tan-*No Entry* tqaċċtet u twaħħlet ħażin mill-persuna involuta fl-inċident. B'konsegwenza ta' hekk, it-triq ma tidherx li ma tistax tidħol minnha u għalhekk peress li l-vetturi qed jidħlu minnha qed tagħti lok għall-inċidenti. Hija talbet sabiex din it-tabella titpoġġa f'post aktar prominenti u tiġi tħares fid-direzzjoni t-tajba.
Iċ-*Chairperson* kien ser idawwar din it-tabella.

34.6.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* dwar dokumentarju li ser jiġbed xi xeni fil-Bajja tax-Xlendi. Huma talbu l-permess u staqsew jekk iridux iħallsu xi *fees*. Ġie deċiż li nitolbu aktar informazzjoni u jistgħux jagħtu donazzjoni lill-Kunsill b'mod voluntarju.

34.6.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Wasteserv rigward il-'European Week for Waste Reduction', bejn it-18 u s-26 ta' Novembru 2017 bit-tema 'Reuse and repair, Give it a new life!' Il-Kunsill ġie mitlub jipparteċipa billi jorganizza *environmental action* sabiex ngħollu l-*awareness* u naqsmu prattiċi posittivi lill-Kumunità. B'hekk, filwaqt li l-Kunsill ikun qed jagħmel promozzjoni, jidħol biċ-ċans li jirbaħ premijiet kbar.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

34.6.12 Il-Kunsill irċieva mingħand ir-Reġjun Għawdex invit flimkien mal-Gozo Development Agency għas-sessjoni ta' informazzjoni li ser issir nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Lulju 2017 fiċ-Cittadella Cultural Centre. Huwa bagħat l-Aġenda u informa lill-Kunsill li f'din is-sessjoni ser tiġi ppreżentata informazzjoni dwar il-proġett SUPPORT. Il-Kunsill ser ikun irrappreżentat mis-Sur Paul Curmi.

34.6.13 Il-Kunsill irċieva lment mingħand persuna għan-nom ta' residenta fi Triq il-Profs. Ġużè Aquilina li ta' spiss mhux jinġabar l-iskart tagħha u ġieli anke ta' xi residenti oħra f'din it-triq. Hija qiegħda tgħid li r-raġuni għal dan tista' tkun li l-kuntrattur li jiġbor l-iskart ma jarahx minħabba trakkijiet li jkunu jħottu f'*supermarket* fil-viċin.
Il-Kunsill kellem lill-kuntrattur u din il-problema ġiet solvuta.

Il-ħin kien is-6.05 ta' filgħaxija u s-Sur Damien Spiteri wasal fil-laqgħa.

34.6.14 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Onor. Silvio Parnis, Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet fejn qed jinforma lill-Kunsill li fil-ġimgħat li ġejjin ser jikkuntattjana biex jiltaqa' personalment mas-Sindku u Kunsilliera kollha u dan sabiex ikunu aktar qrib tal-Kunsill u tal-Komunità u jkunu qegħdin jisimgħu l-ideat tagħna. Laqgħa simili ser issir ukoll mal-Kumitat Amministrattiv.

34.6.15 Il-Kunsill għamel referenza għall-ilment li kien irċieva, u tressaq fil-laqgħa preċidenti, mingħand sid ta' proprjetà li tħares fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi. Quddiem din il-proprjetà hemm arblu u huwa qed jitlob sabiex ma jeħlux *wires* tad-dawl ma' dan l-arblu għaliex dawn jistgħu jtellfulu l-veduta. Dan l-ilment kien ġie mgħoddi lill-Korporazzjoni Enemalta u issa l-Kunsill għandu r-risposta tagħhom. Dan is-sid ġie infurmat li l-Kunsill ma aċċettax is-suġġeriment tal-Enemalta li jagħmel *culvert* minħabba li ma huwiex kompitu tiegħu u m'għandux fondi għal dan il-għan. Dan is-sid jinsab iddispjaċut minħabba li xtara dik il-proprjetà proprju għall-veduta. Huwa lest li jieħu azzjoni legali minħabba f'hekk. Il-Kunsill talbu sabiex jikkuntatja direttament lill-Enemalta minħabba li huma ser jagħmlu l-*cables* proposti. Dan is-sid staqsa jekk f'każ li s-sidien ta' dawk l-appartamenti jaqsmu l-ispejjeż bejniethom sabiex il-*culvert* isir, huwiex possibbli li l-*cables* jgħaddu minn taħt l-art; il-Kunsill huwiex lest li jagħmel ix-xogħol u dwar l-ispejjeż involuti. Filwaqt li reġa' ntalab jikkuntatja lill-Enemalta minħabba li huma ser jgħaddu l-*cables,* ġie infurmat li huwa possibbli li dan il-*culvert* isir minn kuntrattur privat u mħallas minn dawn l-imsemmija sidien. Għaldaqstant, il-Kunsill ma għandux għalfejn ikun involut.
Dan ir-resident issa qed jitlob illi peress li l-Kunsill mhux lest li jagħmel dan il-*culvert*, il-*wires* għandhom jeħlu mal-ħitan tal-bini u mhux imdendlin minn arblu għal ieħor. Dan l-ilment ġie mgħoddi lill-Korporazzjoni Enemalta u permezz tas-sistema servizz.gov.

34.6.16 Il-Kunsill irċieva proposta mingħand il-Kappillan tal-Fontana fejn qed jitlob permess sabiex il-Kummissjoni Żgħażagħ Fontanin jorganizzaw *Car Wash* fil-bokka tal-Wied tax-Xlendi fit-22 ta' Lulju 2017 mid-9 ta' filgħodu sat-3 ta' waranofsinhar. Huma ser joqogħdu fejn hemm il-*culverts* sabiex l-ilma jmur hemm.
Il-Kunsill ma jaqbilx għaliex jista' jinħoloq preċident.

34.6.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Clean Up fejn qed jinfurmaw li flimkien ma' JCI Malta ser jorganizzaw 'Let's Do It Malta 2017, fis-16 ta' Settembru 2017. Ingħatat informazzjoni dwar din l-attività li tikkonsisti billi f'din il-ġurnata jitnaddfu diversi siti f'Malta u Għawdex. Kull Kunsill ser jagħżel tliet siti fil-lokalità tiegħu fejn jixtieq li jsir it-tindif fihom minn 50 voluntier f'kull sit. F'kull sit irid ikun hemm ipprovduti *skip*, boroż griżi u suwed, tliet membri mill-Kunsill sabiex jilqgħu n-nies u jqassmu l-boroż, u ingwanti. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jipparteċipa.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

34.6.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward 'Inizjattiva Finanzjarja - Għoti mill-ġdid ta' tarmak lil toroq fir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali', imnedija mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali permezz tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li ġiet diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun Għawdex tat-3 ta' Lulju 2017. Anness kien hemm l-ittra mingħand id-Direttur (Gvern Lokali, Monitoraġġ u Sapport) li ntbagħtet lir-Reġjun u tabella fejn qed tindika li l-Kunsill tal-Munxar ser jingħata s-somma ta' €4,048.70. Ġejna infurmati wkoll li sabiex tingħata din is-somma, il-proġett irid jitlesta sat-30 ta' Novembru 2017. Jekk xi Kunsilli Lokali jiddeċiedu li ma japplikawx, il-fondi allokati lilhom jinqassmu bejn il-Kunsilli Lokali interessati.
Preżentament il-Kunsill għandu kuntratt ta' *resurfacing* iżda t-tielet sena għalqet fit-2 ta' Mejju 2017. Issa peress li ma hemmx żmien biżżejjed sabiex terġa' toħroġ *tender* oħra, il-Kunsill ser jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment sabiex dan il-kuntratt jiġi estiż għal tmien xhur oħra, sal-aħħar tas-sena 2017 u min-naħa tal-kuntrattur irridu nistaqsuh jekk jaċċettax li dan il-kuntratt jiġġedded u li l-prezzijiet jibqgħu l-istess.
Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel parti minn Triq ix-Xatba.

34.6.19 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabar stimi sabiex il-*pots* li hemm fix-Xlendi jinbidlu s-siġar għaliex dawk li hemm mietu kollha. Minflok Bruk jistgħu jsiru siġar taż-Żebbuġ. Peress li l-ammont totali ser jaqbeż it-*threshold* ta' *direct order*, ġie deċiż li tinħareġ *tender*. Sadanittant, il-Kunsill ser jitlob stimi għal fjuri u tisqija tal-istess fjuri mingħand l-ELC Ltd.

34.6.20 Il-Kunsill bagħat l-applikazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi skont Ċirkulari 9/2017 – Inizjattiva Finanzjarja – Local Government Culture Fund: It-Tieni Sejħa għal attivitajiet minn

Jannar 2018 sa Diċembru 2020. Il-Kunsill/Kumitat applika sabiex isir Kalendarju ta' Attivitajiet fix-Xlendi minn Lulju 2018 sa Settembru 2018, minn Lulju 2019 sa Settembru 2019 u minn Lulju 2020 sa Settembru 2020.

34.6.21 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabar stima għal rombli ta' 20 borża bajda li tintuża għall-*organic waste*. Kull romblu jiswa €1.29. Sadanittant, il-Kunsill ġie infurmat mill-Wasteserv li ser iqassmu l-boroż huma.

**34.7 Proposti għall-Pjan Ekonomiku, Soċjali u Kulturali għar-Reġjun t'Għawdex**

34.7.1 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex fejn qed jinforma li huwa għadu kif ġie ppreżentat bil-Pjan Ekonomiku, Soċjali u Kulturali għall-Komunità tar-Reġjun Għawdex. Huwa qed jibgħat dan id-dokument flimkien ma' preżentazzjoni li toffri sommarju tal-istess Pjan. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jekk hu interessat, iressaq proposti ta' proġetti ta' fejda li jistgħu jitwettqu b'rabta ma' dan il-Pjan sabiex ikunu jistgħu jiġu diskussi u approvati jew mod ieħor fil-laqgħa tar-Reġjun Għawdex li jmiss.
Il-Kunsill ħa nota dwar dan.

**34.8 Proposti għall-Budget 2018**

34.8.1 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward 'Proposti għall-Baġit 2018'. Ir-Reġjun Għawdex iħoss li għandu jipparteċipa bis-serjetà u jressaq il-proposti tiegħu għal dan il-baġit kemm f'ismu kif ukoll f'isem il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex. Għaldaqstant, il-Kunsill ġie mitlub sabiex jekk hu interessat iressaq il-proposti tiegħu lir-Reġjun Għawdex sabiex ikunu jistgħu jiġu diskussi u approvati jew mod ieħor fil-laqgħa tar-Reġjun Għawdex li jmiss.
Il-Kunsill qabel mal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi u ser jipproponi sabiex il-Gvern Ċentrali jagħmel il-*cantilever* fi Triq San Xmun, *dive wreck* fix-Xlendi, jiżdied ir-ramel tax-xtajta u jitkabbar il-*Parking* tax-Xlendi.

**34.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

34.9.1 Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ltaqa' fit-18 ta' Lulju 2017 fil-5 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson,* is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson*, is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru u s-Sur Saviour Xiberras - Membru. Preżenti kien hemm ukoll is-Sinjura Carmen Said - Sindku u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Iċ-*Chairperson* irrefera għall-inizjattiva 'I Love Ix-Xlendi – Summer Events 2017', imtella' mill-Kumitat Amministrattiv bil-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Dan il-kalendarju jikkonsisti f'għadd ta' attivitajiet fil-Bajja tax-Xlendi kull tmiem il-ġimgħa. Dan il-kalendarju sa issa ntlaqa' tajjeb ħafna.

Iċ-*Chairperson* irrefera għas-suġġeriment li sar mill-Ministeru għal Għawdex waqt il-*media event* tat-8 ta' Lulju 2017 sabiex il-Kumitat jagħti xi tip ta' premju lis-sidien ta' stabbilimenti tal-ikel li jimxu skont ir-regolamenti f'dak li jirrigwarda l-indafa. Huwa ssuġġerixxa li tintbagħat ittra lis-sidien ta' stabbilimenti u nitolbuhom jikkoperaw. Kien hemm qbil dwar dan.

Iċ-*Chairperson* irrimarka li fix-Xlendi hemm problema dwar l-indafa fit-toroq tax-Xlendi. Huwa infurmat li fix-Xlendi hemm ħames *beach cleaners*, żewġ kenniesa u żewġ *attendants* tal-latrini. Għaldaqstant ġie deċiż li ssir laqgħa mas-Sur Mark Formosa d-Direttur, Proġetti u Żvilupp peress li dawn il-ħaddiema jaqgħu taħtu.

Is-Sur Saviour Xiberras staqsa dwar meta ser jitranġa l-moll tax-Xlendi peress li l-ħsara dejjem qed tiżdied. Xi ġimgħat ilu kien ġie kuntrattur iżda nqalgħu ħafna problemi ma' sajjied. Il-Kumitat ma huwiex ċert jekk il-kuntrattur ġiex biex ikejjel, jieħu kampjun jew jirranġa l-ħsarat.

Is-Sur Xiberras staqsa meta ser titnaddaf il-*boatyard* peress li hemm diversi opri tal-baħar li

qegħdin hemm bla permess. Is-Sindku weġbitu li l-pulizija ma għandhomx fejn ipoġġuhom.

Is-Sinjorina Charmaine Vella staqsiet fiex waslu t-tabelli li kellhom isiru fi Triq Ras il-Bajjada dwar il-qanfud. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn ser isiru bi *sponsor* mill-HSBC Bank Malta plc u diġà ġew ordnati.

Is-Sindku infurmat lill-Kumitat li mat-tabella 'Merbħa' ser isiru arbli bil-bnadar. Il-ħaddiema tal-Gvern irranġaw il-ħajt tas-sejjieħ tal-passaġġ ta' taħt Triq San Xmun. Qed iduru xi ħitan oħra li hemm fil-viċin. Sar *refreshment* tad-*double yellow lines* fix-Xlendi. Fil-*bring-in-site* tax-Xlendi tpoġġa *bin* ieħor għall-ħġieġ. Ir-*railing* taż-żewġ tarġiet li saru mal-passaġġ tax-Xlendi ġie ordnat u ser isir mill-ħaddiema tal-Gvern. Il-Ministru Justyne Caruana approvat u ser tħallas għat-tieni *collection* tal-borża s-sewda li ser issir kuljum fl-4 ta' filgħaxija.
Is-Sindku infurmat lill-Kumitat li l-Malta Tourism Authority bagħtet l-ittri lill-istabbilimenti tal-ikel dwar rimi ta' swill.

L-ilmenti li jirrigwardjaw Ix-Xlendi tressqu wkoll fil-laqgħa tal-Kunsill.

Bħalissa ma humiex isiru proġetti fix-Xlendi mill-Kumitat peress li fix-xhur tas-sajf ma jistgħux isiru proġetti.

**34.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

34.10.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 34/2017(19_07_17).

Is-Sur Damien Spiteri talab permess isaqsi minħabba li xħin il-Kunsill kien f'*item* 34.4 huwa kien għadu ma ġiex għal-laqgħa. Huwa staqsa rigward il-festun li jitwaħħal max-xtajta tax-Xlendi fix-xhur tas-sajf peress li dan għadu ma twaħħalx. Ir-raġuni hija għaliex ser isiru kanen tal-ħadid bejn kull fanal sabiex il-festun ma jkunx jista' jintlaħaq mill-pubbliku u b'hekk jiġi evitat li jinsterqu l-bozoz u ma jkunx hemm periklu bil-kurrent elettriku.

**34.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

34.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 17 ta' Awwissu 2017 u fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 17 ta' Awwissu, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Carmen Said<br>Sindku | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |